**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 2 ta' Mejju 2019

Rikors Numru: 159/09 AL

**A B**

Vs

**C sive C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' A B li permezz tiegħu ippremetta:

1. Illi l-kontendenti iżżewġu fit-30 ta' Mejju 1987 u minn dan iż-żwieġ kellhom żewġ ulied, D ta' għoxrin sena u E ta' sbatax-il sena.

2. Illi l-ħajja matrimonjali ta' bejn il-partijiet m'għadhiex aktar possibli u ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment minħabba raġunijiet gravi imputtabli unikament lill-konvenuta fosthom eċċessi, sevizzi, abbandun tad-doveri matrimonjali, vjolenza u moħqrija.

3. Illi l-partijiet gia' għaddew minn proċess ta' medjazzjoni inizjat mill-konvenuta u b'digriet tas-27 ta' Marzu 2009, din il-Qorti

awtorizzatha li tipproċedi b’ kawża ad hoc. L-attur qed jippreżenta l-odjerna kawża ai termini tar-regolament 4 (1) tal-Avviż Legali 397/2003.

Talab lil-konvenuta tgħid ghaliex din il-Qorti m’għandhiex:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minħabba raġunijiet gravi imputabbli unikament lill-konvenuta kif fuq imsemmi.

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri E f’idejn l-attur.

3. Tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attur, għall-imsemmi minuri, r-retta alimentarja li din il-Qorti jogħġobha tiffissa taħt xi waħda mill-modalitajiet kontemplati fl-artikolu 54 tal-Kap. 16..

4. Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess komunjoni f’ żewġ porzjonijiet li jiġu assenjati waħda lill-attur u waħda lill-konvenuta, b’dan illi jittieħed kont tat-trotijiet kommessi mill-konvenuta b’konsegwenza ta’ liema ż-żwieġ tkisser irrimedjabilment kif ukoll jittieħed kont tal-kundanna taħt it-tielet talba attriċi.

5. Tinnomina nutar sabiex jirċievi l-att opportun u kuratur biex jirrapreżenta l-kontumaċi fuq l-istess att.

6. Tiddikjara l-konvenuta iddekadiet mid-dritt li titlob manteniment mingħand l-attur.

7. Tapplika kontra l-konvenuta s-sanzjonijiet kontemplati fl-artikoli 48 u 51 tal-Kodiċi Ċivili.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta inġunta għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta li permezz tagħha esponiet:

1. Illi t-talbiet tal-attur kif dedotti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti:
   1.1. Illi veru li llum ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment iżda dan għar-raġunijiet unikament imputabbli għall-konvenut, fosthom l-adulterju tiegħu.
   1.2. Hu abbanduna id-dar matrimonjali fl-14 ta' Frar, 2009- f'ġurnata meta l-esponenti kienet qed taħdem, u ġarr miegħu kwantita' konsiderevoli ta' effetti mobbili- meta l-mara kienet qed taħdem.
   1.3. Sal-llum għadu ma svelax lill-esponenti l-indirizz tar-residenza ġdida tiegħu.

2. L-attur jippretenda li martu tibqa' dejjem id-dar isseftirlu- u ma aċċettax il-fatt li erba' snin ilu ħarġet taħdem wara tmintax-il (18) sena d-dar. Minn dak iż-żmien 'il hawn ir-relazzjonijiet ta' bejniethom ma baqgħux li kienu- komplew jeħżienu sakemm addiritura abbanduna d-dar matrimonjali.

3. Hu definittivament fl-aħjar interess tal-minuri E jibqa' fil-kura u l-kustodja tal-esponenti; li ġuvnott ta' sbatax-il sena tisradikah mir-residenza tiegħu- ċertament ma tagħmilx ġid.

4. L-esponenti ma toġġezzjonax li tiġi xjolta u likwidata l-komunjoni tal-akkwisti, pero' tinsisti li d-dar matrimonjali li tiġi assenjata lilha, billi din is-sitwazzjoni ġiet ippreċipitata u għaliha hu unikament responsabbli l-attur żewġha.

5. L-esponenti m' għandhiex tiġi penalizzata billi titlef l-godiment tad-dar matrimonjali, għal-kapriċċi ta' żewġha, li jixtieq jikkobita ma' mara oħra; fil-kumdita' ta' xi appartament ġdid mir-rikjavat tal-bejgħ tad-dar matrimonjali.

6. L-attur jaħdem dl-isptar Karen Grech- bħala Manager fl-Administration u għandu paga ta' bejn €1630- €1863 fix-xahar

apparti diversi allowances oħra, u ma jistax jippretendi li la jħallas manteniment lill-martu u lanqas jmantni lill-uliedu.

Salvi dejjem eċċezzjonijiet oħra.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta.

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta, li permezz tagħha iddikjarat:

1. Illi l-kontendenti żżewġu fit-30 ta' Mejju, 1987, u minn dan iż-żwieġ kellhom żewġ ulied D ta' għoxrin (20) sena u E ta' sbatax-il (17) sena.

2. Illi l-ħajja matrimonjali ta' bejniethom m'għadhiex aktar possibli, u ż-żwieġ tħassar irrimedjabbilment minħabba raġunijiet gravi imputabbli unikament lill-attur fosthom eċċessi, sevizzi, abbandun, vjolenza u l-adulterju.

3. Illi l-partijiet gia' għaddew minn proċess ta' medjazzjoni- inizjat mill-esponenti u b'digriet tas-27 ta' Marzu 2009, din il-Qorti awtorizzat lill-esponenti li tipproċedi b' kawża ad hoc.

Talbet għar-raġunijiet fuq imsemmija lill-attur jgħid għaliex din il-Qorti m'għandiex:

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali ta' bejniethom 'a mense et thoro' minħabba raġunijiet gravi imputabbli unikament lill-attur.

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri E f'idejn l-esponenti, ommu.

3. Tikkundanna lill-attur, iħallas lill-esponenti għaliha u għall-imsemmi minuri dik ir-retta alimentarja li dina l-Qorti jogħġobha tiffissa fit-termini tal-provvidimenti tal-Kap 16.

4. Tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u tillikwida l-istess f'żewġ porzjonijiet li jiġu assenjati waħda lil kull parti, b' dan li d-dar

matrimonjali tiġi assenjata lill-esponenti billi hi m'għandha assolutament l-ebda ħtija għall-falliment taż-żwieġ bejniethom.

5. Tinnomina Nutar biex jirċievi l-att opportun u kuratur biex jirrapreżenta l-kontumaċi fuq l-istess att.

6. Tiddikjara li l-attur iddekada mid-dritt li jitlob manteniment mill-esponenti, stante l-adulterju tiegħu.

7. Tapplika kontra l-attur s-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48 u 51 tal-Kapitolu 16.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta rikonvenzjonanti.

Rat l-atti kollha tal-proċediment;

Rat l-affidavits ippreżentati u d-dokumenti esebiti anke fl-atti ta' diversi rikorsi;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dottor Nadia Vella u l-Perit Legali Dottor Abigail Critien; Rat ukoll ir-rapport redatt mill-abbli Perit Legali minnha maħluf u ppreżentat nhar is-16 ta' Ottubru 2018[1];

Rat illi permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti mogħtija nhar il-5 ta' Ġunju 2014, fuq talba tal-attur mhux opposta mill-konvenuta, ġiet xolta il-komunjoni tal-akkwisti ġja eżistenti bejn il-partijiet, ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta[2];

Rat illi permezz ta' sentenza oħra mogħtija minn din il-Qorti nhar it-30 ta' Ġunju 2015, il-Qorti laqgħet it-talba tal-attur sabiex it-talba ta' separazzjoni magħmula fil-kawża odjerna titqies bħala talba għall-pronunzjament ta' divorzju u dan ai termini tal-Artikolu 66F tal- Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

[1] Fol. 543;
[2] Il-Kodiċi Ċivili;

Rat illi l-partijiet waslu għal separazzjoni konsenswali bejniethom u effettivament resqu għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni personali, kif debitament awtorizzat minn din il-Qorti, fl-atti tan-Nutar Dottor Clinton Bellizzi iddatat is-sitta (6) ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019).[3]

Rat illi permezz ta' nota konġuntiva tal-partijiet ippreżentata nhar it-3 ta' April 2019[4] il-partijiet, stante tranżazzjoni bonarja, ċedew it-talbiet kollha tagħhom dedotti fir-rikors ġuramentat u fil-kontro-talba ġuramentata rispettivi tagħhom SALV għall-ewwel talba tal-attur u l-ewwel talba rikonvenzjonali tal-konvenuta fejn huma jitolbu lill-Qorti tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-Qorti għandha quddiemha talba għall-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet konjuġi B, li kienu żżewġu nhar it-tletin (30) ta' Mejju elf disa' mija u sebgħa u tmenin (1987) ġewwa Ħal-Balzan[5]. Minn dan iż-żwieġ twieldu żewġ ulied, li huma maġġorenni, D li preżentement għandu ċirka tletin (30) sena u E li preżentement għandu ċirka sebgħa u għoxrin (27) sena.

In vista li t-talbiet kollha f'din l-azzjoni ġew ċeduti għajr dik tal-pronunzjament tal-ħall taż-żwieġ, jeħtieġ biss illi l-Qorti tevalwa jekk it-talba għax-xoljiment taż-żwieġ ossija d-divorzju, li ġiet intavolata fl-10 ta' Settembru 2013, għandhiex tiġi akkolta.

Rat illi l-Qorti diġa għamlet il-kunsiderazzjonijiet tagħha qabel ma ppronunċjat ruħha fis-sentenza tat-30 ta' Ġunju 2015 u cioe meta ordnat illi t-talba tal-attur għas-separazzjoni magħmula fil-kawża odjerna titqies bħala talba għall-pronunzjament ta' divorzju ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

[3] Kopja legali tiegħu hija esebita fol. 759;
[4] Fol. 770;
[5] Kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ esebit fol. 7.

Biex tintlaqa' talba għall-pronunzjament ta' divorzju, il-Qorti trid tkun sodisfatta li:
(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u
(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u
(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57.[6]

Mill-istess rikors illi kien intavola l-attur, jirriżulta illi l-partijiet isseparaw *de facto* u definittivament fi Frar 2009, dan għaliex huwa jikkonferma li fi Frar 2014 jagħlqu ħames snin ma jgħixux ta' miżżewġin.

Preżentement m'hemm l-ebda dubju illi m'hemmx ħjiel ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u dana in vista li, kif intqal, huma riċentement resqu għall-pubblikazzjoni ta' kuntratt ta' separazzjoni personali.

Il-kwistjoni tal-manteniment kienet l-oġġezzjoni tal-intimata meta rrispondiet għar-rikors tal-attur. Filfatt hija kienet iddikjarat illi minkejja li r-rekwiżiti tal-Artikolu 66B(a) u 66B(b) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta kienu sodisfatti, l-Artikolu 66B(ċ) ma kienx sodisfatt in vista li hija kienet qiegħda titlob li tingħata manteniment għaliha. Insistiet illi in vista tal-fatt li kienet waqfet taħdem bi qligħ sabiex tista' trabbi u tikkura lil uliedha, u rritornat biss wara tmintax-il sena, hija għandha kontribuzzjonijiet tas-Sigurta` Soċjali nieqsa, u b'hekk mhix ser tkun tista' tipperċepixxi pensjoni massima. Filwaqt illi l-attur ser ikun intitolat għall-pensjoni massima. B'hekk huwa għandu jħallasha manteniment sabiex hija tkun tista' tgħix sewwa bħalu. F'dak l-istadju il-Qorti kienet uriet il-fehma illi
*"pero' jibqa' l-fatt li prezentement m'hemm edba* [recte: ebda] *ordni jew digriet ghal hlas ta' manteniment da parti tar-rikorrent u konsegwentement zgur li ma jistax jinghad li l-istess rikorrent qed jonqos milli jhallas il-manteniment lil martu.*

[6] Rekwiżiti mposti mill-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili.

*Dan necessarjament ifisser li r-rikorrent, ghall-anqas sal-lum (u dan minghajr pregudizzju ghal mod ta' kif tista' tigi deciza l-kawza fl-ismijiet premessi kwantu ghas-separazzjoni taghhom, it-talbiet ancillari u x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti) m'ghandu ebda obbligu li jhallas xi forma ta' manteniment u konsegwentement, l-oggezzjoni ghat-talba ta' divorzju abbazi ta' nuqqas ta' hlas ta' manteniment ghall-intimata ma tistax tregi."*

B'hekk il-Qorti rat illi l-oġġezzjoni tal-intimata ma kinitx ġustifikata u li ma kien hemm ebda impediment li jżommha milli tilqa' t-talba tal-attur u konsegwentement għaddiet biex tilqa' t-talba tiegħu.

Rigward il-pretensjonijiet ta' manteniment, jidher illi sal-preżenti ġie ssorvolat id-disgwid li kien element kbir fil-mori tal-proċeduri. Jidher illi l-intimata ma baqgħetx tinsisti fuq il-ħlas ta' manteniment mingħand żewġha tant illi skond il-kuntratt tas-separazzjoni tal-partijiet B, senjatament l-Artikolu 4, il-partijiet ftehmu illi *"Il-partijiet qiegħdin preżenzjalment jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom illi jitolbu u/jew jirċievu manteniment mingħand xulxin. Il-partijiet jaqblu li tali rinunzja hija definittiva u irrevokabbli."* Inoltré, fil-każ odjern m'hemmx lok ta' manteniment għall-ulied in vista li dawn għandhom iktar minn tlieta u għoxrin sena.

Ġjaladarba m'hemm ebda pendenza ta' manteniment bejn il-partijiet kif diġa' intqal u ġjaladarba l-partijiet jaqblu li għaddew 4 snin minn mindu nfirdu *de facto* u li m'hemm ebda possibilita' ta' rikonċiljazzjoni bejniethom, allura din il-qorti ma tara ebda raġuni għala għandha tiċħad it-talba attriċi.

Għaldaqstant, il-provi mressqa jissodisfaw dak rikjest mill-Artikolu 66B, ġja ċċitat, għall-ksib tad-divorzju. Jirriżulta illi meta l-attur intavola t-talba għad-divorzju, il-partijiet kien ilhom *de facto* separati għal iktar minn għaxar (10) snin. M'hemm l-ebda prospett raġjonevoli għar-rikonċiljazzjoni tagħhom stante li kull parti għandha l-ħajja tagħha indipendenti mill-parti l-oħra. Preżentement m'hemm lanqas ebda pretensjoni jew kwistjoni bejn il-partijiet dwar manteniment tagħhom jew ta' uliedhom;

Dwar l-ispejjeż tal-preżenti, jirriżulta illi fil-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali kif ippubblikat min-Nutar Dottor Clinton Bellizzi fis-6 ta' Frar 2019, fl-Artikolu 26 il-partijiet ftehmu *inter alia* illi *"Kull parti għandha tħallas għall-ispejjes relattivi inkorsi minnu jew minnha in konnessjoni ma' l-istess proċeduri mingħajr dritt ta' rimbors mill-parti l-oħra"* u dana riferibbilment għall-proċeduri odjerni.

**DEĊIDE**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża**,** billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba tal-attur u l-ewwel talba rikonvenzjonali tal-konvenuta u konsegwentement tiddikjara u tippronunzja l-ħall taż-żwieġ ikkontrattat bejn il-partijiet konjuġi B nhar it-tletin (30) ta' Mejju elf disa' mija u sebgħa u tmenin (1987).

[2] Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames, is-sitt u s-seba' talba tal-attur stante illi dawna ġew ċeduti.

[3] Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames, is-sitt u s-seba' talba rikonvenzjonali tal-konvenuta stante illi dawna ġew ċeduti.

[4] Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex fi żmien xahar mill-preżenti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jiġi rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dwar il-kap tal-ispejjeż, skont il-qbil bejn il-partijiet, dawna jibqgħu mingħajr taxxa, bejn il-partijiet.